MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1851/2002

***Untours Insurance Agents Ltd ghall-Qatar Insurance Company kif surrogati fid-drittijiet ta' Computime Limited u l-istess socjeta'***

***vs***

***Anthony Borg***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Awissu, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici nomine et. s-somma ta'  mitejn u disgha u ghoxrin liri Maltin u sitt centezmi (Lm229.06c), rapprezentanti danni kkagjonati fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAA 391, proprjeta' ta' Computime Limited, misjuqa minn Mario Abela, f'incident stradali li sehh fl-10 ta' Mejju 2001 mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAL 987, misjuqa mill-konvenut, ghal liema ncident stradali l-konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali pprezentata ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta u bl-imghaxijiet legali minn notifika ta’ l-avviz, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-Prokuratur Legali Marie Claire Mifsud ghan-nom tas-socjeta’ attrici nomine et., li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti u cioe’ Dokumenti A sa E, ipprezentati ma’ l-avviz konsistenti fid-dokumenti relatati mad-danni reklamati kif ukoll tad-dikjarazzjoni *front to rear* dwar l-incident stradali mertu tal-kawza.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici nomine et. s-somma ta’ mitejn u disgha u ghoxrin liri Maltin u sitt centezmi (Lm229.06c), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali pprezentata ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**